ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 22/13**
***Kienet addottata Aġenda nru. 17/2013***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 17 ta' Lulju 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Il-Kunsillier Refalo beda biex semma żewġ każijiet partikulari li skont Refalo, Kunsillieri u membri tal-Kumitat xewwxu individwi kontra tiegħu. Dwar il-każ tal-bankina ta' Seagull Snackbar, Refalo qal skont Zammit, il-Kunsilliera kollha kienu qalulu li hu kien talab biex jieqaf ix-xogħol fuq il-bankina, meta hu qatt ma semma dan waqt xi seduta tal-Kunsill Lokali.
Il-Kunsillier Camilleri ddikjara li hu qatt ma kien kellem lil Zammit dwar xogħol tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera Saliba ċaħdet li hi qatt kellmet lil Zammit.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 21/13

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 21/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 21/13

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 41/13

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 41/2013 tal-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2013 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Ittra mibgħuta mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali għal Għawdex u Kemmuna.

Memo 17/2013 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' għajnuna finanzjarja għal *streaming* tal-laqgħat *on line*. Il-Kunsill iddeċieda li japplika għal din l-Iskema.

Komunikat ta' Isabel Formosa dwar diversi sinjali tat-traffiku u ta' informazzjoni fil-Bajja tax-Xwejni. Il-Kunsill qabel li jsir sinjal juri 'Slippery' u jitwalu bi tlett metri oħra d-*double yellow lines* li saru fil-kantuniera tal-i*slipway*.

Talba mill-Għaqda tan-Nar tax-Xagħra biex jinħatt il-logħob tan-nar tal-festa tax-Xagħra fil-Bajja tal-Qbajjar. Il-Kunsill oġġezzjona li jiddaħħal xi logħob tan-nar il-Qbajjar.

| **Applikazzjoni għal permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
| --- | --- |
| Soċjeta' Filarmonika Sta Marija Għal ikla nhar is-27 ta' Lulju 2013 fi Triq il-Knisja. | Approvata – it-triq tingħalaq bil-preżenza tal-Pulizija jew Gwardjani Lokali. |

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 15/2013 – DOK A għall-perijodu bejn il-21 ta' Ġunju u t-12 ta' Lulju 2013 kienet approvata.

## 7. FESTA SANTA MARIJA

Għall-ġranet tal-festa, il-Kunsill approva:

- servizzi ta' gwardjani lokali, is-Sibt 24 ta' Awwissu bejn is-7 ta' filgħaxija u nofsillejl – erba' gwardjani lokali u l-Ħadd – 25 ta' Awwissu bejn is-6.45 u l-10.30 ta' filgħaxija – żewġ gwardjani lokali.
- il-konċelebrazzjoni tat-Tnejn 19 ta' Awwissu tkun dedikata lill-Kunsill Lokali.
- isir bukkett fjuri għall-festa.
- it-tindif fil-*weekend* tal-festa jsir bħas-sena l-oħra.
- żewġ *bowzers* ilma għall-ħasil tal-pjazza.
- is-Sibt 17 ta' Awwissu, *street party* fi Pjazza l-Assunta.
- Dun Ġużepp Vella jniedi l-ktieb ġdid tiegħu fil-ftuħ tal-wirja.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

## 8. IL-*PLAYING FIELD* TAŻ-ŻEBBUĠ

Il-Kunsill qabel li jagħmel dawn is-sejħiet għall-offerti:

- tapit (biċċtejn tapit) għal taħt *playing equipment*.
- għal bankijiet tal-metall, *litterbins* u waħda biex magħha jorbtu r-roti għal fuq il-*belvedere* ta' faċċata tal-*playing field*.

## 9. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

### PROVVISTA U INSTALLAZZJONI TA' POĠĠAMAN TAL-ĦADID *HOT-DIPPED* GALVANIZZAT FI TRIQ MONS DE PIRO

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa għal Provvista u installazzjoni ta' poġġaman tal-ħadid *hot-dipped* galvanizzat fi Triq Mons De Piro.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' George Grech li kienet l-irħas waħda.

### PROVVISTA U KONSENJA TA' *MULTI-FUNCTIONAL PRINTER*

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet il-kwotazzjonijiet mitfugħa għall-provvista u konsenja ta' *multi-functional printer*. Il-kwotazzjonijiet mitfugħa huma ta':

Alfa Co Ltd
Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd
Office Group Ltd
Image Systems Ltd
Strand Electronics Ltd.

Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tipprepara *comparative schedule of bids* għas-seduta li jmiss.

## 10. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Proposti mill-Viċi Sindku s-Sur Mario Cassar**

(i) Biex jingħata spazju f' xi pubblikazzjoni tal-Kunsill għal diversi individwi li jixtiequ jiktbu artikli dwar il-lokalita'. Kien hemm qbil mal-proposta tal-Viċi Sindku.
(ii) Dekorazzjoni xierqa għall-ħajt tal-*bricks* li nbena fi Triq Panoramika. Is-Sindku qal li dan il-ħajt kien qed jinkesa mill-kuntrattur tal-Ministeru għal Għawdex.

Dwar ilment 22/2013, ma kienx hemm qbil li jsir sinjal biex ma jsirx għawm fl-i*slipway* tal-Bajja tax-Xwejni.

**Ilment 40/2013 – Is-Sur Carmel Mallia**
Talab biex jinżebgħu l-fanali u r-*railings* ta' Sqaq Anton Mallia. It-talba kienet approvata, ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Ilment 41/2013 – Is-Sur Ronald Borg**
Tiswija tal-bankina ta' quddiem Merħba Flts, Triq Ħabel it-Twil. Ix-xogħol ta' tiswija kien approvat.

**Ilment 42/2013 – Is-Sur Vic-Martin Calleja**
Jitwaħħal sinjal juri *Slippery* maġenb l-i*slipway* tal-Bajja tax-Xwejni. It-talba kienet approvata.

**Ilment 43/2013 – Is-Sinjura Marilyn Axiaq**
Talbet biex isiru *double lines* fi Triq Ġoma li tiġi kantuniera ma' Triq Sant' Indrija (in-naħa t' isfel ta' Triq Ġoma). Il-Kunsill approva li jsiru żewġ metri *double lines* fi Triq Ġoma.

**Ilment 44/2013 – Is-Sur George Cefai**
Talab biex jitkaħħal u jitbajjad parti mis-sies fi Triq Ġoma, faċċata tal-każin tal-Banda. Ġie deċiż li ssir *site visit*.

**Ilment 45/2013 – Is-Sur Joseph Cini**
Talab biex jitnaddaf il-wied fl-inħawi Ta' Tutiet. Ix-xogħol kien approvat, isir minn Richard Axiaq.

**Ilment 46/2013 – Is-Sur Kelinu Attard**
Talab biex tinfetaħ entratura fil-ħajt tas-sejjieħ biex ikollu aċċess għall-għalqa tiegħu fi Triq iż-Żebbuġ u ssir rampa fl-istess post. It-talba biex tinfetaħ entratura kienet approvata; ix-xogħol isir minn Joe Cefai.

**Ilment 47/2013 – is-Sindku s-Sur Nicky Saliba**
Biex jinżabar il-bruk ta' Triq is-Sagħtrija. Nitkellmu ma' tal-Agrikoltura dwar iż-żbir tal-bruk.
Jinkesa bil-konkos passaġġ fi Triq is-Sagħtrija. Il-Kunsill approva l-kisi tal-passaġġ.

Il-Viċi Sindku talab il-permess biex juża l-arma tal-lokalita' flimkien ma' emblemi oħra taż-Żebbuġ fi plakka artistika ta' Santa Marija li se ssir fl-iskultura u li se tinbiegħ fil-ġranet tal-festa. It-talba kient approvata.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva:

- il-qtugħ tal-ħaxix u t-tindif ta' Triq Wied l-Infern, Triq Wied l-Abjad, Triq is-Sagħtrija, Triq tal-Kanun u Triq Ħabel it-Twil.
- ħarġa għat-tfal fuq il-*bumping cars*.
- sit elettroniku ġdid tal-Kunsill (stima ta' Right Click Stationery & Computers - €837.80).

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva